**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Livelli 6–7**

| IT-TIENI SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ______________________________**

**Il-klassi: ____________**

**Għall-istudent:**

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**

**2. L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

**Kummenti**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

# Il-Kamaleonte



Il-lewn tal-kamaleonte jvarja minn lewn aħdar għal lewn griż fil-kannella u safrani – kollha kuluri tan-natura li jgħix fiha bħas-siġar, il-weraq, iz-zkuk u l-ħamrija. Dawn jgħinuh jibqa' moħbi minn annimali oħra kif ukoll mill-bniedem. Il-kamaleonte jibdel il-kulur ukoll meta jkun qed jibża' u hawn isir griż ċar u jintefaħ biex jidher akbar u jbeżża' lil min jattakkah. (par. 1)

Għalkemm illum il-kamaleonte sar parti mill-ambjent Malti, ta' min wieħed jgħid li dan ir-rettili mhux minn dejjem kien jinstab fil-gżejjer Maltin. Il-kamaleonte ddaħħal f'Malta fl-aħħar tal-1800, meta xi Ġiżwiti ġabu magħhom numru minn dawn ir-rettili mill-Afrika ta' Fuq u telquhom jiġru fil-ġonna tad-dar tagħhom li kellhom San Ġiljan. Fi ftit snin il-kamaleonte żdied u llum insibu dawn ir-rettili kważi ma' Malta kollha. (par. 2)

Bħal kull annimal ieħor, il-kamaleonte jikkontrolla t-temperatura tiegħu billi joqgħod fis-sħana jew fid-dell skont il-bżonn. Huwa jiekol insetti ħajjin u dan jagħmlu b'ħila kbira. Għalkemm huwa ma jiġrix, għandu mezz tajjeb ħafna biex jiċċaqlaq għax joqgħod fuq zkuk jew siġar fejn jistenna xi insett jieqaf qrib tiegħu. Meta jara hekk huwa jimxi bil-mod tant li lanqas l-istess insett ma jinduna bih. Kif jasal madwar 8 ċentimetri 'l bogħod, il-kamaleonte jieqaf, jimmira u b'ħeffa kbira jispara lsienu lejn il-vittma tiegħu. Fil-ponta ta' lsienu għandu speċi ta' kolla li l-insett jeħel magħha mingħajr l-ebda ċans li jaħrab. Ilsien il-kamaleonte huwa twil kważi daqs l-istess annimal. (par. 3)

Il-kamaleonte huwa addattat għall-ħajja fis-siġar. Għandu s-swaba' ta' saqajh maqsumin tlieta kontra tnejn, biex dawn jankrawh maz-zokk daqslikieku kellu morsa flok saqajn. Barra dan huwa juża denbu bħal ħabel billi jkebbu maz-zokk biex ma jaqax. (par. 4)

Dan l-annimal huwa protett mil-liġi u min jaqbdu jista' jeħel il-flus. Barra minn hekk dan l-annimal huwa rari, għalhekk għandna nħalluh fl-ambjent naturali tiegħu. Il-kamaleonte ma jagħmilx ħsara lill-bniedem! (par. 5)

(Silta ta' Vincent Attard, addattata minn *Flimkien*)

| **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | **(16-il marka)** |
|---|---|

1. Kif jinbidel il-kulur tal-kamaleonte? (1)

______________________________________________________________________________

2. Għaliex l-ambjent ta' madwaru huwa importanti għal dan l-annimal? (1)

______________________________________________________________________________

3. Semmi 2 affarijiet li jagħmel il-kamaleonte meta jkun qed jibża'. (2)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

4. Min ġab il-kamaleonte Malta u mil-liema pajjiż? (2)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

5. X'jagħmel il-kamaleonte bħal kull annimal ieħor? (1)

______________________________________________________________________________

6. Semmi 2 affarijiet interessanti dwar kif juża lsienu l-kamaleonte? (2)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

7. Kif jużah denbu? (1)

______________________________________________________________________________

8. "kollha lwien tan-natura li jgħix fi**ha** (par. 1). Għal min qed jirreferi l-pronom **ha** fil-kelma fi**ha**? Għall-kamaleonte / Għall-Ġiżwiti / Għan-natura (*Agħżel it-tajba*) (1)

9. Sib mis-silta kelma / frażi li tfisser l-istess: (2)

a. "żdied" (par. 2) ______________________ b. "tajjeb" (par. 3) ______________________

10. Agħżel kelma waħda mill-parentesi li tagħmel sens skont is-silta flok il-kliem li ġej: (2)

a. "jvarja" (par. 1) = (jaqbeż, jinbidel, jikser)

b. "jankrawh" (par. 4) = (jżommuh, jpoġġuh, jagħtuh)

11. Ikteb din is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira. (1)

"Dan l-annimal huwa rari, għalhekk għandna nħarsuh u nħalluh fl-ambjent naturali tiegħu". (par. 5)

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## Taqsima B. Il-Grammatika (10 marki)

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-kelma **lwien** hija: | Kollettiv / Plural Sħiħ / Plural Miksur. |
| 2. | Agħti l-għadd imtenni ta' **swaba'**. | ________________________ |
| 3. | Agħti l-farrad waħdieni ta' **weraq**. | ________________________ |
| 4. | Qiegħed din il-frażi fl-istat kostrutt: **il-lewn tal-kamaleonte** | ________________________ |
| 5. | Immarka ✓ fit-tliet kaxxi li fihom hemm il-pronom mehmuż tal-kelma **magħhom**. | **m** \| **a** \| **għ** \| **h** \| **o** \| **m** |
| 6. | Il-pronom **dan** hu pronom: | dimostrattiv / personali / riflessiv. |
| 7. | a. Agħti l-għerq ta' **jaħrab**.<br>b. Agħti l-mamma ta' **jista'**. | a. ________________________<br>b. ________________________ |
| 8. | ...**biex jiċċaqlaq għax joqgħod fuq zkuk jew siġar**...<br>Sib minn dil-frażi: | a. Verb trilitteru: ____________________<br>b. Verb kwadrilitteru: __________________ |

| | |
|---|---|
| **Taqsima Ċ. Il-Kitba Funzjonali** | **(9 marki)** |

Agħżel waħda minn **Ċi** jew **Ċii**.

- **Ċi**. **Deskrizzjoni ta' persuna**. Agħżel persuna importanti għalik. Iddeskrivi lil din il-persuna mid-dehra u l-karattru f'madwar 40 – 60 kelma.

*Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħnuk: Kif jidher/tidher? X'kulur hu xagħru/ha u għajnejh/a? Kif inhi l-figura tiegħu/ha? X'tip ta' karattru għandu/ha? X'jieħu/tieħu gost jagħmel/tagħmel?*

***Jew***

- **Ċii**. **Bijografija ta' persuna famuża.** Agħżel persuna famuża u f'madwar 40 – 60 kelma ikteb il-bijografija tiegħu / tagħha.

*Il-persuna li tagħżel tista' tkun kittieb/a, kantant/a, attur/attriċi eċċ...*

Ikteb x'għażilt: Ċ _______

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

| **Taqsima D. Letteratura** | **(25 marka)** |
|---|---|

**A. Poeżija – *Nadriet 2***

1. Aqra din l-istrofa mill-poeżija *Gelmus*, u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

***U bi dmugħi jien nibqa' nsaqqiha***
***ja Gelmus, sa ma żmieni jintemm:***
***għax fweħitha tnessini li fostna***
***isaltan is-semm!***

a. Ir-rima f'din il-poeżija hija rima ___________________________________. (1)

b. Lil min qed jindirizza l-poeta? _____________________________________. (1)

ċ. Il-poeta, x'se jibqa' jsaqqi (l-pjanta tal-kaktus, x-xitla tas-sagħtar, s-siġra tal-ħarrub). (1)

2 a.Fil-poeżija *Ġejja x-Xita* ta' Mary Meilak, il-poetessa titkellem fuq x'jagħmlu l-___________________________ meta tkun ġejja x-______________________. (2)

b. Il-poetessa Mary Meilak titlob lill-Maltin biex inaddfu l-______________________ u jiftħu l-____________________. (2)

3 a. Ballata hija storja li jkollha tmiem ❑ traġiku ❑ feliċi ❑ monotonu. (1)

b. Għaliex f'*Ballata* ta' Rużar Briffa l-leħen ma jista' jieqaf qatt?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________. (2)

4. F'madwar 25 kelma ikteb dwar xiex inhi l-poeżija *Id-Dwejra* ta' Joe Friggieri. (5)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**B. Proża – *Fuklar qadim u bnadar imċarrta* ta' Trevor Zahra.**

1. Il-Fuklar kien jinsab fil-kamra (tan-nanna Ġolina, taz-zija Antida, taz-zija Ġemma). (1)

2. F'madwar **25 kelma**, agħti deskrizzjoni ta' kif kien il-fuklar. (4)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. X'kien hemm wara l-fuklar? (2)

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Agħżel karattru wieħed li għoġbok minn dawn li ġejjin u ikteb fuqu : ***Toni***, ***iz-zija Ġemma***, ***iz-zija Antida***, ***in-nanna Ġolina*** .. (3)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

| **Taqsima E. Komponiment** | **(20 marka)** |
|---|---|

Ikteb madwar 200 kelma dwar **wieħed** minn dawn.

1. Il-Milied għadu kif għadda. Ikteb dwar x'għoġbok u x'ma għoġbokx matul din il-festa.
2. Kompli din l-istorja: Mort iċ-Ċirkewwa biex nilqa' lin-nanniet tiegħi neżlin mill-vapur u ...
3. Kont miexja fit-triq u sibt qattus mitluf. Iddeskrivi dan il-qattus u għid x'għamilt bih.
4. Fl-aħħar għandi l-kamra tiegħi. Iddeskrivi x'tara mit-tieqa ta' din il-kamra.
5. Tmiem il-ġimgħa mal-familja tiegħi. Kif inqattgħu?

**Tmiem il-Karta**